**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 304/2023DCDC**

***Dr Joseph Muscat***

***vs***

***L-Avukat ta'l-Istat***

Illum, 19 ta' Frar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Dr Joseph Muscat preżentat waqt l-udjenza miżmuma fil-25 ta' Jannar 2025 permezz ta' liema talab lill-Qorti:

> *tawtoriżża li fir-rikors promotur minnu mressaq fil-5 ta' Ġunju 2023 tiżdied is-segwenti talba:*
>
> *"tiddikjara u tiddeċiedi, fost affarijiet oħra, l-applikazzjoni fil-każ odjern, ta' dak dispost fis-subartiklu (5) tal-artiklu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' dak dispost fl-artiklu 518 tal-Kodiċi Kriminali qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali."*

Rat id-degriet tagħha mgħoti dak in-nhar stess permezz ta'liema l-Qorti, fil-waqt li tat lill-intimat ġimgħa żmien għar-risposta, iddiferit l-kawża għall-5 ta' Frar 2024 għat-trattazzjoni tar-rikors odjern.

Rat ir-risposta ta'l-intimat l-Avukat ta'l-Istat preżentata nhar l-1 ta' Frar 2024 permezz ta'liema opppona t-talba.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fil-5 ta' Frar 2024 meta l-kawża tħalliet għall-llum għal-provediment dwar it-talba odjerna.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa utli li, qabel ma tinnoltra ruħha biex tikkunsidra l-mertu tat-talba odjerna, jiġi mfisser il-kuntest li fih saret din it-talba.

Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent spjega kif l-għaqda Repubblika kienet talbet, ai termini ta'l-artikolu 546(4A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tinbeda inkjesta dwar l-*in genere* kontra xi persuni dwar deċiżjonijiet li ha gvern immexxi mir-rikorrent meta kien jokkupa l-kariga ta' Prim' Ministru. Ir-rikorrent ma kienx wieħed mill-persuni elenkati bħala suspettati fid-denunzja magħmula[1]. Ir-rikorrent irrefera għal *facebook post* intella' minn Dr Robert Aquilina, president ta'l-għaqda Repubblika, li fiha hemm indikat li wara li l-imsemmija għaqda għamlet rapport kriminali kontra tiegħu huwa (ir-rikorrent) iddaħħal bħala suspettat f'dik l-inkjesta. Ir-rikorrent jgħid li kien fil-15 ta' Jannar 2022 kien ġie infurmat li huwa qed jiġi meqjus bħala suspettat f'dik l-inkjesta; dan, a differenza tal-persuni l-oħra inizjalment suspettati, mingħajr ma ġie infurmat a priori u mingħajr ma kellu l-opportunita iwieġeb għar-rapport magħmul fil-konfront tiegħu. Fil-fehma tar-rikorrent il-fatt li huwa ma ġiex infurmat mill-Maġistrat Inkwirenti b'xi rapport magħmul fil-konfront tiegħu, huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu, leżjoni li fil-fehma tiegħu baqgħet taggrava ruħha bħala riżultat tal-fatt li rikorsi li huwa għamel biex jixhed f'l-atti ta'l-inkjesta u jippreżenta dokumenti baqgħu mingħajr tweġieba.

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent jgħid ukoll li membri tal-familja tal-Maġistrat Inkwirenti qegħdin *jappoggaw messaġġi li kienu qed jiġu mxxandra mill-media speċjalment dawk dwar il-mertu tal-inkjesta u jagħtu l-fehmiet tagħhom kif ukoll ipparteċipaw attivament fi protesti mmirati lejn deċizjonijiet li kienu ttieħdu mill-Kabinett tal-Ministri mmexxi mir-rikorrent inkluż dawk dwar il-mertu tal-inkjesta.* Ir-rikorrent jgħid ukoll li kien qed ikun hemm *leaks* kontinwi mill-inkjesta li kienu qed jispiċċaw fuq il-media u meżżi ta' xandir.

[1] Mid-depożizzjoni ta' Dr Robert Aquilina mgħotija fis-26 ta' Settembru 2023 jidher li din it-talba ta'l-ghaqda minnu rappreżentanta saret fis-sena 2019.

Illi r-rikorrent kompla jispjega, dejjem fir-rikors promotur, li minħabba dawn il-fatti, u ċioe:

- il-fatt li l-Maġistrat Inkwirent ma bagħtitx għalih biex jixhed fuq il-fatti u jressaq provi fir-rigward;
- il-fatt li membri tal-familja tal-Maġistrat Inkwirenti kienu qed jappoġġaw messaġġi kif fuq speċifikat; u
- il-fatt tal-*leaks* kontinwi;

huwa talab ir-rikuża tal-Maġistrat Inkwirenti. Din it-talba ġiet miċħuda mill-istess Maġistrat Inkwirenti.

Illi, għal sensiela ta' raġunijiet elenkati fir-rikors promotur, ir-rikorrent ħass ruħu aġġravat b'din id-deċiżjoni u jikkontendi li hija ukoll leżiva ta' drittijiet fundamentali tiegħu.

Illi r-rikorrenti ikkonkluda r-rikors promotur billi talab hekk:

1. *Tiddikjara li l-artiklu 546 senjatament is-sub-artiklu 4 ittra A (4A) tal-Kodiċi Kriminali huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u sussidjarjament hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi ma joffriex dawk il-garanziji u salvagwardji kostituzzjonali u konvenzjonali għal persuni li jsiru suspettati fi stadju mhux inizjali, ċioe waqt l-andament tal-inkjesta u dan kuntrarjament għal dawk il-garanziji u salvagwardji proċedurali li jingħataw lil persuni li jkunu hekk ġew indikati oriġinarjament malli jitressaq rapport, denunzja jew kwerela skont dan l-istess sub-artiklu. Dan ifisser li qegħda tinħoloq distinzjoni, bejn il-posizzjoni tar-rikorrenti li sar suspettat waqt l-inkjesta u l-posizzjoni ta' persuna oħra li tkun indikata bħala suspettata fil-bidu tal-inkjesta.*

2. *Tiddkjara li bil-fatt li r-rikorrenti ma ġiex notifikat bir-rapport kriminali magħmul fil-konfront tiegħu fejn intalab li huwa jiġi ndikat bħala suspettat fl-inkjesta, skont ma titlob il-liġi, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

3. *Tiddikjara li l-artiklu 738 tal-Kapitlu 12 huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tarrikorrenti kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-*

*Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi l-liġi ma tagħtihx aċċess, sabiex talba ta' rikuża, tigi deċiża minn Qorti indipendenti u mparzjali u mhux mill-ġudikant li quddiemhu hemm pendenti l-proċeduri u/jew għal appell minn dik id-deċiżjoni tal-ġudikant sedenti quddiem Qorti indipendenti u mparzjali.*

4. *Tiddikjara li bid-deċizjoni tagħha datata 23 ta' Mejju, 2023 fejn il-Maġistrat Inkwerenti ċaħdet it-talba għar-rikuża tagħha, l-istess Maġistrat Inkwerenti kisret, ser tkompli tikser u/jew x'aktarx li sejra tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ta' smigħ xieraq hekk kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedern u tal-Libertajiet Fundamentali jekk kemm-il darba tibqa' tippresjedi dik l-inkjesta bin-numru 839/19.*

5. *Tordna li l-atti tal-inkjesta għandhom jiġu immedjatament assenjati lil Maġistrat Inkwerenti iehor/ohra li tkun imparzjali sew fuq livell oġġettiv u sew fuq livell suġġettiv.*

6. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, inkluż li tillikwida kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrenti għall-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq u tordna lil intimat ihallas il-kumpens hekk 1ikwidat.*

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tal-ġbir tal-provi fil-proċeduri odjerni r-rikorrent xtaq iressaq bħala prova xi dokumenti u/jew informazzjoni mill-inkjesta fuq imsemmija. Pero, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 637(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-persuni imsejjħa biex jagħtu din l-informazzjoni u/jew jippreżentaw id-dokumenti mixtieqa ma provdewhomx kollha. Fil-kors tal-proċeduri odjerni ukoll ngħata degriet, fil-21 ta' Novembru 2023, minn din il-Qorti permezz ta' liema ġiet miċħuda talba tar-rikorrenti biex xhud[2] jiġi mġiegħel jippreżenta dokument. Talba sussegwenti tar-rikorrent biex jingħata permess jappella minn dak id-degriet ġiet miċħuda; dan permezz ta' degriet ieħor datat 25 ta' Jannar 2024.

[2] Dr Robert Aquilina, jew l-avukat ta'l-għaqda Repubblika.

Illi wara dan l-aħħar imsemmi degriet r-rikorrent preżenta t-talba odjerna permezz ta' liema, wara li jgħid li l-applikazzjoni ta'l-artikoli fuq imsemmija: l-artikolu 637(5) tal-Kap 12 u l-artikolu 518 tal-Kap 9, fil-każ odjern qed jilledu d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, qed jitlob li fir-rikors promotur tiżdied talba oħra f'dan is-sens.

Illi kif ntqal l-intimat l-Avukat ta'l-Istat oppona din it-talba. Huwa jsostni li biż-żieda rikjesta ser tkun qed tinbidel s-sustanza ta' l-azzjoni oriġinarjament tentata mir-rikorrent tant li qabel ma l-kontendenti jkunu jistgħu jipprosegwu b'l-azzjoni originali din ser ikollha tiġi mwarrba għal kollox biex l-ewwel tiġi trattata u deċiża it-talba l-ġdida b'mod li ser tindiel għal kollox id-direzzjoni tal-kawża. L-intimat fil-fatt jikkontendi li b'din it-talba l-ġdida ser tkun qed tinħoloq lanjanza kompletament ġdida u distinta mill-azzjoni odjerna li mhiex indirizzata f'l-eċċezzjonijiet tiegħu. L-intimat jsostni ukoll li s-sitwazzjoni li qed isib ruħu fiha issa r-rikorrent kienet assolutament prevedibbli minn qabel ma ġiet imneddija l-kawża odjerna u għalhekk kellha tiġi indirizzata sa mill-bidu fir-rikors promotur u mhux sanata issa b'żieda ta' talba ġdida li tibdel is-sustanza ta'l-azzjoni.

Illi l-intimat iressaq raġunijiet oħra għaliex fil-fehma tiegħu t-talba odjerna m'għandhiex tintlaqa':

- Jgħid li hemm raġunijiet għalfejn din il-Qorti m'għandiex teżerċita s-setgħa kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha sabiex tistħarreġ din il-kwistjoni l-ġdida primarjament minħabba li r-rikorrent m'eżawrixxiex r-rimedji ordinarji disponibbli. Il-Qorti pero hija tal-fehma li huwa prematur li wieħed jitkellem fuq rimedji ordinarji li setgħu kienu jew għadhom disponibbli lir-rikorrent fir-rigward tal-leżjoni ġdida li huwa qed jallega; dik hija materja li għandha u tista' tiġi diskussa biss f'kaz li t-talba odjerna tiġi milqugħa.
- Jgħid li ma jaqbilx li r-rikorrent mhux ser ikun f'pożizzjoni li jipprosegwi b'l-azzjoni tiegħu mingħajr iż-żieda tat-talba prospettata u dan għaliex il-liġi tesiġi li parti ġġib l-aħjar prova li tista ġġib b'mod li r-rikorrent mhux imxekkel milli jagħmel il-prova li jixtieq b'mod ieħor u fi kwalunkwe każ il-Qorti tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha mill-assjem ta' dawk il-provi kollha prodotti fuq bilanċ ta' probabilita. Anke fir-rigward ta' din l-oġġezzjoni huwa prematur li l-Qorti tesprimi ruħha dwar il-provi prodotti, u dawk produċibbli, u jekk dawn il-provi humiex suffiċjenti biex ikun jista' jingħad li r-rikorrent ressaq l-aħjar prova in sostenn tat-talbiet oriġinali tiegħu.

Ill dan premess il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tat-talba odjerna.

Ikkunsidrat

Illi għalkemm fir-rikors odjern ir-rikorrent ma speċifikax fuq liema dispożizzjoni tal-Liġi qed jibbaża t-talba tiegħu, m'għandux ikun hemm dubbju li huwa l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola talbiet simili.

Illi dan l-artikolu, fis-subartikolu (1) tiegħu, jipprovdi hekk:

> *Il-qorti tista', f' kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta'waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Illi l-ġurispridenza dwar din id-dispożizzjoni hija kopjuża u kostanti. Ikun utli li ssir referenza għal siltiet minn din il-ġurisprudenza.

Illi fis-sentenza mgħotija fil-15 ta' Jannar 2010 mill-Qorti ta'l-Appell Inferjuri fil-kawża f'l-ismijiet ***Keyland Co Ltd et vs Josephine Xuereb*** ntqal hekk dwar l-iskop ta'l-artikolu 175:

> *il-proċediment għall-korrezzjoni ta' l-atti skond l-Artikolu 175* ***hu maħsub biex jirrimedja għall-vizzji formali,*** *u dment li l-korrezzjoni mitluba ma tinċidix fuq il-kontenut sostanzjali, l-att hekk vizzjat huwa emendabbli; ... ...*
>
> *il-proċedura tal-korrezzjoni ma tikkostitwix att ġdid jew fażi proċesswali ġdida iżda hi merament inċidentali, diretta biex tidentifika u tippreċiża bl-espressjoni grafika korretta l-forma ta' l-att promotur.*[3]

Illi f'sentenza mgħotija fid-29 ta' Novemebru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Avv Dr Marlon Borg vs Virtual Digital Services,*** il-Qorti elaborat hekk:

> *14. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom* ***ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja***

[3] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

> ***mingħajr ġudizzju fil-mertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida***[4] *bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.*
>
> *15. Ir-ratio wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il-kunċett tal-ġustizzja (Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).*
>
> *16. Meta wieħed jifli f'liema ċirkostanzi sostituzzjoni ta' atti jew bidliet fl-iskrittura ma humiex permessi isib illi l-iskop wara tali restrizzjonijiet huwa li ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-parti li tkun qed topponi l-bidla mitluba. Għaliex* ***lanqas għandu jkun li wara li tkun ġiet intavolata kawża fuq binarju partikolari, jiġi permess tibdil li jisposta l-azzjoni attriċi fuq binarju differenti minn dak oriġinali*** *bil-konsegwenti preġudizzju li dan jista' jarreka lill-parti l-oħra. Il-massima legali electa una via, non datur recursus ad alteram tikkombaċja sew mar-ratio wara l-Artikolu 175.*[5]

Illi f'l-istess sens esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta f'sentenza mgħotija fil-21 ta' Marzu 2022 fil-kawża f'l-ismijiet ***Anthony sive Tonio Cassar vs Avukat tal-Istat et***[6]***:***

> *l-iskop tal-leġislatur wara l-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 kien ċertament illi safejn ikun possibbli,* ***jiġu ssanati u salvati l-atti,*** *u tiġi* ***evitata dupliċità ta' kawżi u jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li jista' jwassal biex tiġi stultifikata l-ġustizzja sostantiva.*** *U dan billi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati mill-Qorti dawk* ***il-korrezzjonijiet kollha neċessarji li ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża,*** *u ma joħolqu ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-kontroparti. Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom.*
>
> *"Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (Malta Development Corporation vs. Paul Licari deċiża mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004; Charles Fino vs. Alfred Fabri noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997; Maurizio Urso vs. Fr. Charles Cini, deċiża*

---

[4] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[5] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.
[6] Ref ukoll ***Michelle Doreen sive Doreen Xuereb et vs L-Avukat tal-Istat et*** mgħotija fit-13 ta' Mejju 2022 Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

*mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999), u konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati anziché annullati jew dikjarati nulli (Ellul vs. Coleiro deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll Guillaumier Industries Ltd vs. Fava et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 1998; Attard noe vs. Galea deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju 1998, u Aquilina vs. Cassar, Vol.LXXVI.IV.666)*

*Din il-Qorti hija fil-prinċipju propensa li ssostni li kull fejn att ġudizzjarju milqut minn difett jew irregolarità proċedurali, jkun possibbli li jiġi ssanat u salvat, fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u l-buon sens ta' prattiċità, m'għandha ssib l-ebda diffikultà li ssalva l-att milqut, dejjem fil-limiti ta' dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 175 tal-Kap. 12, u ċjoé illi t-tibdil meħtieġ biex jiġi ssanat l-att, ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu*[7].

Illi ukoll fis-sentenza mgħotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'l-4 ta' Marzu 2022 fil-kawża f'l-ismijiet ***Alfred Schwabb vs Mr Green Limited*** meta ntqal li:

*10. Dan l-artikolu jagħti setgħat wesgħin ħafna lill-qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet f'atti ġudizzjarji. Tali tibdil jikkonsisti mhux biss fit-tiswija ta' żbalji imma wkoll bdil fl-atti b'mod li jistgħu jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt* ***li jkunu pertinenti u rilevanti għall-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ fil-kawża*** *(ara Reġistratur tal-Qrati v. Joseph Muscat deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' April, 2003);*

*11.* ***L-għan wara dan l-artikolu huwa li kemm jista' jkun jiġu salvati dawk l-atti ġudizzjarji li ma jkunux tħejjew tajjeb mill-ewwel, ħalli b'hekk tiġi mwarrba l-possibilità li jfaqqsu proċeduri separati minħabba dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawk l-atti*** *(ara Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004).* ***Huwa ċar li l-leġislatur ried b'dan l-artikolu tal-liġi illi jevita li kawżi jiġu maqtula minħabba formaliżmu u rigorożità esaġerata fil-proċedura*** *(ara Diane Schembri et v. Alfred Schembri & Sons Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015).*[8]

Illi f'sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża **APS Bank Plc vs G.Caruana & Bros et**, fit-12 ta' Diċembru 2019 intqal hekk dwar il-fatt li l-artikolu 175 jippermetti *dħul ta' ħwejjeġ oħra*:

*Illi huwa minnu li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni, dan jista' teffettwa l-eċċezzjoni tan-nullita` mressqa minn uħud mill-konvenuti. B'danakollu,*

---

[7] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[8] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

> *kif fuq spjegat, il-leġislatur, meta fi żminijiet riċenti fl-Art. 175(1) tal-kodiċi ritwali wara l-kliem "jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt... sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni" żied il-kliem "fuq il-mertu tal-kawża" huwa kompla jikkwalifika u allura jillimita iktar l-istanzi fejn ma jistax isir tibdil, billi* ***issa jippermetti saħanistra bdil bla ebda limitu fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni li jkun ta' natura proċedurali u mhux fuq il-mertu.***

Illi minn din il-ġurisprudenza jemerġi ċar li l-iskop ta'l-artikolu 175 huwa dak li, fil-limiti ta' dak permess minn din id-dispożizzjoni, parti f'kawża tkun tista' tikkorreġi jew tissana l-atti ta' kawża biex b'hekk kawżi jiġu deċiżi primarjament fuq il-mertu u mhux jiġu stultifikati minħabba diffetti proċedurali. Din it-tiswijja ta' l-atti tista' ssir bid-diversi modi elenkati f'l-istess dispożizzjoni, modi li jinkludu *dħul ta' ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt* pero kull korrezzjoni, bdil jew *dħul ta' ħwejjeġ oħra* għandu kollu effett ta' natura proċedurali u ma jista' qatt jimpinġi fuq is-sustanza ta'l-azzjoni u ta' l-eċċezzjonijiet fil-mertu.

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit u b'applikazzjoni tiegħu għall-każ in eżami huwa ċar li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa'.

Illi minn qari tar-rikors odjern jirriżulta ampjament li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa żieda aktar milli korrezzjoni. Aktar minn hekk din iż-żieda li qed tintlaba mhiex intiża biex issewwi xi żball fir-rikors promotur. Lanqas hija intiża biex tissana xi nullita u allura biex proċeduralment issalva l-atti tal-kawża kif mibdija.

Illi l-kawża tentata mir-rikorrent permezz tar-rikors promotur hija intieża biex jikseb rimedju għall-allegat leżjoni ta' drittijiet fundamentali tiegħu bħala riżultat ta' sensiela ta' fatti li jgħid li seħħew f'l-inkjesta maġisterjali fuq imsemmija u bħala riżultat ta' kif tħaddmu l-artikolu 546(4A) tal-Kap 9 u l-artikolu 734 tal-Kap 12 fil-kors ta' dik l-inkjesta b'relazzjoni ma' dawk il-fatti. Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jitlob li tiżdied talba ma' dawk ġia dedotti fir-rikors promotur. Għalkemm ir-rikorrent ma talabx ukoll żidiet fil-premessi fir-rikors promotur huwa ċar (mir-rikors odjern u mis-sottomissjonijiet magħmula) li t-talba l-ġdida li qed tiġi proposta hija bażata fuq sensiela ta' fatti li mhux biss seħħew wara li nbdew il-proċeduri odjerni imma huma fatti għal kollox separati u distinti minn, u estraneji għal, dawk elenkati fir-rikors promotur u li fuqhom huma bażati t-talbiet oriġinali. Fil-fatt jemerġi mir-rikors odjern li bit-talba l-ġdida r-rikorrent qed jipprova jfittex rimedju għal dak li r-rikorrent iqies bħala lezjoni ta' dritttijiet fundamentali tiegħu minħabba sensiela ta' fatti li seħħew tul il-proċeduri odjerni u bħala riżultat ta' kif tħaddmu l-artikolu 637(5) tal-Kap 12

u l-artikolu 518 tal-Kap 9 fil-kors tal-proċeduri odjerni b'relazzjoni ma' dawk il-fatti.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-tibdil (ossia żieda) rikjest altru jibdilx is-sustanza ta'l-azzjoni u ta'l-eċċezzjonijiet fil-mertu; u altru jispustax il-binarju li fuqha kienet miexja l-azzjoni kif originarjament impostata. Fil-verita dak li qed jittenta jagħmel ir-rikorrent mhux li jikkoreġi żball imma li jibda kawża ġdida, b'kawżali u talbiet kompletament differenti, f'kawża ġia mibdija. Dan qatt ma kien u m'ghandux ikun l-iskop ta' l-artikolu 175.

Għal dawn il-motivi t-talba tar-rikorrent dedotta fir-rikors preżentat fil-25 ta' Jannar 2024 qed tiġi miċħuda b'l-ispejjez ta' din l-istanza kontra tiegħu.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**